VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 23 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 213 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2011 'il quddiem.

**L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fit-tmiem tal-Ewwel Parti, l-istudenti li jiksbu 180 kredtu kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament iżda li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons.), jew wara li komplew, ma jispiċċawx il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Science (B.Sc.) ikklassifikat skont l-ordinament 13."

**Iż-Żieda tal-ordinament 12 mal-ordinamenti prinċipali**

4. L-ordinament 12 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"12. Fi Programm ta' Kors għal Grad f'żewġ oqsma ta' studju prinċipali, l-istudenti li f'xi taqsima studju, ħlief għal taqsima studju obbligatorja li tkun iddikjarata bħala mhux kumpensabbli fi Programm ta' Studju, jeħlu b'marka ta' mhux anqas minn 35% fit-taqsima u li l-Marka Medja tas-Sena kurrenti fil-Programm ta' Studju għall-Qasam ta' Studju li għalih it-taqsima studju tkun assenjata tkun ta' mhux anqas minn 50%, jingħatalhom il-grad CP (Għadda b'kumpens) u jingħatalhom kredtu b'kumpens għat-taqsima u ma jkunux mitluba jerġgħu jiġu valutati."

5. L-ordinamenti 12 u 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 13 u 14.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 23 of 2012**

**EDUCATION ACT**
**(CAP.327)**

**Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Undergrduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Science - B.Sc. - and Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – under the auspices of the Faculty of Science**

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Science in virtue of the powers conferred upon it by article 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by article 81 (2) of the said Act:

**Citation**

1. These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Science - B.Sc. - and Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - and shall be read and construed as one with the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degree of Bachelor of Science - B.Sc. - and Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - under the auspices of the Faculty of Science, published as Legal Notice 213 of 2008, hereinafter referred to as "the principal bye-laws".

**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable from October 2011 onwards.

**Amendment of bye-law 10 of the principal bye-laws**

3. For paragraph (2) of bye-law 10 of the principal bye-laws there shall be substituted the following:

"(2) At the end of Part One, students who obtain 180 credits as specified in paragraph (1) of this bye-law but who either opt not to proceed with the Course leading to the degree of Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons.), or having proceeded, do not successfully complete the Course, shall be eligible for the award of the degree of Bachelor of Science (B.Sc.) classified in terms of bye-law 13."

**Addition of bye-law 12 to the principal bye-laws**

4. The following bye-law 12 shall be added after bye-law 11 of the principal bye-laws :

"12. In a Course Programme for the Degree in two main areas of study, students who fail in any study-unit, except a compulsory study-unit that is declared to be non-compensatable in a Programme of Study, with a mark of not less than 35% in the unit and whose current Year Average Mark in the Programme of Study for the Area of Study to which the study-unit is assigned is at least 50%, shall be awarded the grade CP and shall be awarded credit for the unit by compensation and shall not be required to be reassessed."

5. Bye-laws 12 and 13 of the principal bye-laws shall be renumbered as bye-laws 13 and 14.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*
Prezz/*Price*
€0.18